MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60/2022

It-Tnejn, 28 ta' Novembru 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fid-4.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti.

60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 59/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

60.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

60.2.3 Il-Kunsillier Baskal Saliba talab sabiex tiġi kkoreġuta Paġna 5 nru 59.4.2.1 minflok 'Il-Kunsillier Baskal Saliba preżenta...' tiġi minflok 'Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat...'. Il-membri qablu li ssir din il-korrezzjoni u għalhekk il-minuti ġew approvati.

60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil Kunsilliera illi l-maltemp ikkawża diversi ħsarat madwar il-lokalita' kemm fid-dawl tat-toroq, fanali tqaċtu, Triq Madonna taċ-Ċiċċri waqa' fanal u kisser bankina, siġar imqaċċtin, it-tabella tal-'Merħba' fit-telgħa taż-Żebbuġ tkissret, wires imdendlin u tabelli mkissrin fost affarijiet oħra. Staqsiet lil membri jekk ġewx ikkuntetjati minn xi residenti rigward il-ħsarat li kkawża l-maltemp. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hemm il-fanali kollha mitfija u miksura ta' fejn il-Qbajjar Restaurant u ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmathom illi reġgħet bgħatet emejl lil Planning Authority sabiex jiġi ffirmat il-Kuntratt tad-DPF fuq il-fanali ta' Triq Santa Marija. Nicky Saliba sostna li għandha ssir laqgħa b'urġenza mal-Planning Authority f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa għalfejn inqala l-festun tad-dawl li jintrama mill-Ministeru għal Għawdex. Hawn

is-Sindku infurmatu li wara li għamlet verifika fuq dan ir-rigward ġiet infurmata li l-kuntratt għal provista ta' dan id-dawl kien sa l-aħħar t'Ottubru. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri qablu li jitwaħħlu floodlights proviżarji minn fejn il-Kartell Restaurant sa fejn il-Qbajjar Restaurant.

60.3.2 Is-Sindku infurmat lil membri illi l-espressjoni ta' nteress li ħarġet għal latrini awtomatiċi mid-Dipartiment għal Gvern Lokali ġiet mitkellma waqt laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex. Infurmat lil membri li l-Kunsill talab sabiex titranġa il-latrina ta' Taħt ix-Xifer sabiex tiġi awtomatika. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li aktarx dawn ser jiġu bil-flus sabiex jintużaw. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jistenna s-sejħa u terġa tiġi diskussa. Qalet ukoll li l-Kunsill diġa infurmuhom illi l-Kunsill mhux ser ikun qed jabduka mir-responsabilitajiet. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li aħjar titranġa l-latrina tal-Qbajjar Promenade peress li ta' fejn il-Horizon tranġat kienet mill-Kunsill. Is-Sindku fakkret lil membri li l-Kunsill għadu ma tefa' ebda applikazzjoni biss wera interess.

60.3.3 Is-Sindku infurmat lil membri fir-rigward ta' l-offerta li ħarġet fuq Miżura 4.3 rigward ir-*road works* ta' Triq ta' Tuttiet, Triq ta' Ħluq u Triq is-Sagħtrija fejn qalet illi din l-offerta kellha tiġi rtirata sabiex tkun konformi mal-gwidi ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk issa reġgħet ġiet ippublikata u ser tagħlaq fl-1 ta' Jannar 2022.

60.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li ħarġet ukoll l-offerta għas-servizz ta' Perit peress li l-kuntratt għalaq f'Settembru li għadda u din ser tagħlaq fl-14 ta' Diċembru 2022.

60.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-offerta għal bini mill-ġdid ta' *playing field* fil-Qbajjar Promenade ser terġa toħroġ bħala *accelerated tender* peress li l-Bord ta' Evalwazzjoni sab xi nuqqasijiet minn naħħa tal-Kuntrattur tal-*playing equipment* peress li fil-BOQ intalbet li titpoġġa *slide* u l-offerant ma kienx lest li jissuplixxiha. Il-membri qablu li għandha terġa toħroġ din l-offerta u tinqasam f'*lots* minflok u dan fuq parir tal-Bord ta' l-Evalwazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa rigward iż-żbir ta' siġar fl-istess promenade. Is-Sindku infurmat lil membri li ntalab il-permess ta' l-ERA sabiex issir żabra sew. Hawn il-Kunsillier Cordina qal li hu ma kienx qed jistenna li jinbena *playing field* ġdid

pero li jiġu pavimentati l-passaġġi preżenti. Is-Sindku nfurmatu li biex jinbidlu l-passaġġi l-ispiża tkun ħafna għola mit-€80,000 li ser jingħata l-Kunsill mill-LESA peress li jrid jintuża materjal li jiflaħ għal elementi.

60.3.6 Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri li b'kawża tat-terremot waqa' ħajt tas-sejjiegħ fil-bidu ta' Triq Għajn Mhelhel. Kompliet tgħid li inġabret stima għal bini ta' dan il-ħajt li tammonta għal €360 esluż il-ġarr bil-gaffa u xi 3 jardi konkos. Il-membri qablu li jinbena sabiex jitneħħa kull perikolu.

60.3.7 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li ssir ikla tal-Milied ghal membri u l-istaff tal-Kunsill.

60.3.8 Rigward is-sejħa għal skrivan mal-Kunsill fuq skala 15, is-Sindku nfurmat lil membri li bħalissa l-Kunsill qed jistenna l-lista' mill-Jobsplus għal dawk il-persuni li qed jirreġistraw fuq l-ewwel u t-tieni parti peress li fis-sejħa interna ma applika ħadd.

**60.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

60.4.1 Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

60.4.1.1 Issuġġeriet sabiex issir talba mal-Gozo LC Works sabiex jinbena il-ħajt li waqa fi Triq Wied l-Infern kawża tal-maltemp. Il-membri qablu.

60.4.1.2 Talbet sabiex titranġa tabella fi Triq il-Qbajjar li tgħawġet bil-maltemp. Il-membri qablu

60.4.1.3 Infurmat lil membri li hemm bżonn issir talba mal-Gozo LC Works sabiex titranġa l-bankina ta' Triq Lifurna. Il-membri qablu u l-Viċi Sindku għandha tibgħat ir-ritratti meħtieġa sabiex issir din it-talba.

60.4.1.4 Issuġġerit sabiex issir magna oħra għar-riċiklaġġ tal-fliexken f'Marsalforn. Il-membri ma qablux ma dan pero ġie diskuss issir talba sabiex teħel waħda fiż-Żebbuġ.

60.4.1.5 Staqsiet f'hiex waslet it-talba tal-Kunsill għal asfaltar mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar. Is-Sindku nfurmatha li l-Ministeru qed jistennew il-*framework agreement* il-ġdid peress li għalqet l-offerta għal pavimentar bl-asfaltar.

60.4.1.6 Talbet sabiex isir il-patching neċessarju fi Triq il-Qbajjar u Triq Manwel Magro. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

60.4.1.7 Talbet sabiex issiru żewġ *cat housse* ġodda fl-inħawi ta' Triq il-Qbajjar. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li jsiru fis-*soft area* ta' Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

60.4.1.8 Talbet sabiex jinżebgħu ż-*zebra crossings* ta' Triq il-Qbajjar u Triq ir-Rabat. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

60.4.2 Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:

60.4.2.1 Fakkar sabiex issir il-ħadida li kien talab fi Triq ix-Xwejni. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ser terġa tkellem lil min tqabbad jagħmel dan ix-xogħol.

60.4.2.2 Talab u l-membri qablu sabiex terġa tinżebgħa d-*dragon teeth* li hemm fid-daħla tar-raħal. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

60.4.3 Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

60.4.3.1 Irringrazzja lil Korp tal-Pulizija għax-xogħol dedikat li għamlu ġimgħatejn ilu fejn Marsalforn tnaddaf minn ċertu kriminalita. Kompla jgħid li hu mhux razzist pero' irid jirikonoxxi l-ħidma siewja li għamel il-Korp u d-Dipartiment ta' l-Immigrazzjoni.

60.4.3.2 Talab sabiex il-Kunsill jixtri *tracksuits* ġodda lit-team tal-futbol tar-raħal. Il-membri qablu.

60.4.3.3 Rigward il-bozza fi Triq ta' Milied. Beda jgħid illi jaf li s-Sindku jista' jkollha interess personali pero iħoss li la kien hemm bozza ma arblu għandha terġa teħel bozza imbasta dik it-triq tiġi mdawla. Kompla jgħid li mhux fl-interess tiegħu li jagħmel xi

vendikazzjoni lir-resident pero' jħossu obligat li jressaq l-ilment tar-residenti lil Kunsill. Qal li ma jistax il-Kunsill jibqa' jtawwal u li meta l-Kunsill qabel li titwaħħal floodlight fi Triq Għajn Mhelhel kien hemm xi residenti li waslu l-ilment tagħhom. Is-Sindku rrispondiet li kien għalhekk li din il-floodlight ma twaħħlitx sabiex il-Kunsill ikun qed jimxi b'mod ġust ma kulħadd. Il-Kunsillier Cordina talab sabiex l-Enemalta jaraw fuq il-post fejn jista' jeħel arblu sabiex titwaħħal bozza ġdida. Il-Kunsillier Nicky Saliba ~~propona li~~ staqsa tistax l-bozza teħel ma l-arblu li hemm preżentament pero' is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Enemalta ma tawx permess li jgħaddu s-supply tad-dawl fuq dan l-arblu peress li l-arblu mhux tagħhom. Is-Sindku ddikjarat kunflitt ta' nteress pero' ddikjarat li taqbel li l-ebda resident m'għandu joqgħod fid-dlam u li l-Enemalta stess għandhom huma stess isibu soluzzjoni. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Kunsill għandu jimponi u jitfa' ir-responsabilita' f'idejn l-Enemalta sabiex din it-triq tiġi mdawla. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li fi żmienu kienet saret talba sabiex din il-bozza tinqala minn ma l-arblu li hemm preżentament biex ir-resident ikun jista' jħammel u meta l-Kunsill prova jwaħħal din il-bozza fil-kantuniera, l-Kunsill ma ngħatax permess mir-residenta. Kien hemm qbil fost il-membri li jintalab l-Inġineer ta' l-Enemalta sabiex isib soluzzjoni hu fejn għandu jeħel l-arblu bil-bozza f'din it-triq.

60.4.3.4 Rigward bankina fi Triq Għajn Mhelhel li ilha applikata mal-Gozo LC Works mis-sena 2017. Is-Sindku infurmatu li diġa għamlitilhom reminder f'dan ir-rigward.

60.4.3.5 Staqsa fiex waslet iċ-*charging pillar* għal vetturi elettriċi li kien talab sabiex teħel waħda fi Triq is-Salini. Is-Sindku qalet li diġa saret talba mal-Ministeru kkonċernat. Il-Kunsillier Cordina talab ukoll sabiex tiġi postjata f'post ieħor dik ta' Triq Santa Marija. Qal li nżebgħu sinjali li juru li ser tiġi postjata f'post ieħor pero din għadha fejn kienet.

60.4.3.6 Rigward il-problema ta' l-ilma ta' Triq il-Ponta. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ried iċara l-punt li l-Bord ta' l-Inkjesta qatt ma caħad li m'għandhiex issir it-triq. Is-Sindku qalet li l-Kunsill daħal fil-proċeduri u mhux fl-għoti tas-sentenza u qalet biex

tkun tista' tikkonferma trid taqra s-sentenza. Il-Kunsillier Cordina. Informa lil membri li l-Perit għamel l-*onsite visit* u qal li resident aktar il-fuq għandu l-istess problema. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Perit tal-Kunsill għandu bżonn jagħmel *survey* sabiex ikun jista' jagħti l-veduti tiegħu liema survey jinkludi l-livelli tal-bankini u livelli tal-katusi tal-ilma tax-xita li joħorġu mid-djar għal prezz ta' €767 VAT inkluż. Il-membri qablu li jsir dan is-*survey* sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni. Is-Sindku talbet ukoll sabiex jitnaddfu l-*waterculverts* madwar il-lokalita'. Il-membri qablu.

60.4.3.7 Talab sabiex issir tfakkir lil Gozo LC Works rigward il-bankina li ntalbet fi Triq il-Ponta u staqsa rigward il-kisi ta' parti minn Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmatu li kif diġa qaltlu l-Ministeru għal Għawdex qed jistenna l-*framework agreement* il-ġdid sabiex jingħata bidu għax-xogħol.

60.4.4 Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

60.4.4.1 Staqsa jekk hux ser jitkomplew il-*crash barriers* li bdew jitwaħħlu fi Triq iż-Żebbuġ. Is-Sindku infurmatu li dawn ser jitkomplew kemm ftit l-isfel minn dawk li hemm preżenti kif ukoll fejn il-Wied tas-Salve Reġina. Il-Kunsillier Daniel Cordina li għandhom ukoll isiru *crash barriers* il-fuq miċ-Ċimiterju fejn hemm l-għalqa taħt it-triq u rringrazzja lil Awtorita' li għalinqas bdew jitwaħħlu. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li dawn kellhom ~~jibdew~~ jitkomplew aktar l-isfel jiġifieri minn fejn spiċċaw dawn li twaħħlu u dan skond il-ftehim li sar mal-Perita ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Baskal Saliba żied jgħid li hu mhux qed jikkritika pero' nibgħatu tfakkira sabiex jitkomplew u rringrazzja lil TM li nbeda x-xogħol. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li issir post fuq Facebook tal-Kunsill fejn ninfurmaw lir-residenti li dawn ser jitkomplew sabiex il-pubbliku jkun infurmat u l-Kunsill jevita' il-kritika. Is-Sindku wieġbet li l-laqgħa hija pubblika u la x-xogħol mhux qed isir minn naħa tal-Kunsill ma tħossx li l-Kunsill għandu jagħmel din it-tip ta' dikjarazzjoni. ~~Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u~~ Il-membri qablu li qabel ma tittella' xi tip ta' *post* l-ewwel il-Kunsill għandu jivverifika meta ser jitwaħħlu bil-miktub sabiex wara l-Kunsill ikun jista' jagħti l-informazzjoni fuq il-midja soċjali.

60.4.4.2 Sabiex jiġu mfakkra Transport Malta rigward it-tabelli tad-'dead slow' li għandhom jeħlu fiż-żona pedonali ta' Marsalforn.

60.4.4.3 Talab sabiex fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer isir *boat management* jiġifieri jitpoġġew is-*safety buoys* minħabba is-*swimming zones.* Is-Sindku nfurmatu li ser terġa ssir tfakkira lil Transport Malta f'dan ir-rigward peress li kienu nfurmawha sabiex tfakkarhom wara s-Sajf.

*Peress li l-accountant tal-Kunsill kien għadu mhux preżenti virtwalment għal item ta' l-Aġenda Nru 60.5 – Quarterly Financial Statements, fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li jgħaddu għal item ta' l-Aġenda Nru 60.6 – Ġemellaġġ ma Lanuvio.*

## 60.6 Ġemellaġġ ma Lanuvio

Is-Sindku proponiet li għandu jiġi mistieden il-Chev. Carmelo Saliba peress li kien hu li beda l-proċess ma Lanuvio u anke l-Arċipriet tar-raħal għal din iż-żjara f'Lanuvio. Kompliet tgħid li wara li ġew ibbukjati l-*flights* kollha, l-Kunsill ġie nfurmat li l-parteċipanti ser ikunu alloġġjati mas-sorijiet. Is-Sindku proponiet sabiex issir talba mad-Dipartiment sabiex il-Kunsill jipproċedi għal Ġemellaġġ u mhux fuq patt ta' ħbiberija biss. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-Kunsill diġa applika sabiex jinbeda' l-proċess għal Ġemellaġġ pero kellu jieqaf kollox minħabba l-pandemija. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu sabiex Lanuvio jiġu mistiedna għal żjara mill-21 sal-25 t'April 2023 peress li l-Italja jkunu bil-vaganzi. Kompliet tgħid li parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum iż-Żebbuġ jiġu ċċelebrati meta jkun hawn it-taljani waqt li l-quddies ta' radd il-ħajr issir f'Jum iż-Żebbuġ proprju jiġifieri fit-28 t'April 2023. Il-membri qablu u qablu wkoll li dawn il-parteċipanti jkunu joqgħodu fid-Dar Stella Maris. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab lil membri sabiex il-Kunsill jiddiskuti fejn ser isiru ċ-ċelebrazzjonijiet u r-reception ta' Jum iż-Żebbuġ nhar it-22 t'April 2023. Il-membri qablu li tinġab kwotazzjoni minn Villa Fiorita, il-lukanda Calypso u l-Maxtura.

60.5 Quarterly Financial Statements

Il-Kunsill daħal f'kollegament telefoniku ma l-Accountant tal-Kunsill fil-5.40 ta' filgħaxija fejn dan ta spjegazzjoni dettaljata tat-tielet kwart tas-sena. Qal li l-Kunsill jinsab f'din il-qadha finanzjarja għax-xogħol li ilu li nbeda u tħallas issa u peress li l-Kunsill għandu ħafna fondi x'jiġbor minn skemi u propona sabiex il-Kunsill jibgħat l-invoices kollha minn għand min għandu jiġbor fondi sabiex il-Kunsill ikun jista' jdaħħalhom fir-rapport tar-raba' kwart tas-sena bħala *accruals*. Is-Sindku, Dott. Marlene Cini rringrazzjatu ta' l-ispjega tiegħu u għalhekk il-kollegament intemm fil-5.50 ta' filgħaxija.

60.7 Sejħa għal Librar

59.6.1 Is-Sindku talbet lil membri jekk sarux il-kjarifiki meħtieġa minn naħa tal-Kunsilliera mas-Sur S Azzopardi. Il-membri kkonfermaw fl-affermattiv u għalhekk is-Sindku proponiet li toħroġ din is-sejħa peress li qed tiġi pressata mill-amministrazzjoni ta' l-iskola għax bħalissa qed tinfetaħ biss wara l-ħinijiet ta' l-iskola minn ħaddiem tal-Malta Libraries. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa jekk din is-sejħa toħroġx fuq bażi full time. Dan ġie nfurmat illi din toħroġ fuq sejħa part time u li 4 siegħat jitħallsu mill-Kunsill u l-4 siegħat oħra jitħallsu mill-Malta Libraries.

60.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

60.8.1 Talba sabiex issir no entry for Heavy Vehicles fi sqaq fi Triq il-Ponta minħabba xi għerien. Il-Kunsillier Daniel Cordina ddikjara konflitt ta' nteress. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li l-Perit tal-Kunsill jiċċertifika kemm verament tiflaħ din it-triq. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li aktarx li l-Perit kien diġa ġie fuqha. Il-membri qablu li għandu jiġi verifikat mal-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku fakkret lil membri li kull tabella li ssir l-ewwel trid tiġi approvata minn Transport Malta.

60.8.2 Rigward ir-railing mal-gandott ta' Trejqet l-Għerejjex. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li din għandha tiġi posposta peress li r-resident stess ma jafx xi jrid u fakkar sabiex jeħel ir-*railing* ta' l-istainless steel li diġa approvat u maqbul li jeħel mal-ħajt biswit it-taraġ.

60.8.3 Ilment Nru 66/22

Ilment li r-rampa tad-disabled tal-promenade li tieħdok għal latrina pubblika wieqfa ħafna u trid tkun tnejn sabiex itella' wheelchair. Ilmenta wkoll li fin-niżla taħt il-bankina hemm arblu tad-dawl li qed itellef mill-aċċess.

Il-membri qablu li jintbgħat il-Perit sabiex il-Kunsill jara x'jista' jsir.

60.8.4 Ilment Nru 67/22

Sabiex quddiem San Nikola Crt, Triq Lifurna qed jipparkjaw il-karozzi quddiem id-*drive in* biex isiru *double yellow lines* u jinżebgħu wkoll il-metru *double yellow line* kull naħħa.

Il-membri qablu li jsir biss id-*double yellow lines* ma' kull naħħa tad-drive in u dan wara li jibgħat ir-ritratti ir-resident.

60.8.5 Ilment Nru 68/22

Talba sabiex il-ħajt ta' l-għalqa fi Triq il-Wied li waqa' jerġa jinbena.

Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

60.8.6 Ilment Nru 69/22

Talab sabiex issir 'stop' sign fi Triq il-Mitħna.

Wara diskussjoni bejn il-membri il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hemm bżonn illi titneħħa il-'one' way minn Triq Mons De Piro peress li ħadd ma hu qed josserva u t-traffiku ma jmurx kollu lejn Triq il-Mitħna. Il-membri qablu issir talba ma Transport Malta.

60.8.7 Ilment Nru 70/22

Talba sabiex jinbena ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa' fi Triq ta' Ċenċ.

Wara diskussjoni l-membri qablu dan jinbena jekk jirriżulta li hu tiegħu biss u ħadd ma jagħmel użu minnu.

60.8.8 Ilment Nru 71/22

Talab sabiex isir double yellow line mal-isqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri minħabba li meta vetturi jipparkjaw eżatt ma' l-isqaq ma jkunux jistgħu joħorġu.

Wara diskussjoni il-membri ma qablux peress li minn dan l-isqaq ma jgħaddux karozzi u kulħadd jaf bil-problema tal-parkeġġ f'dik it-triq.

60.8.9 Talba għal *cultural leave* tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex mill-4 sat-8 ta' Jannar 2023 tattendi żjara uffiċċjali mal-Kunsill ġo Lanuvio. Il-membri qablu.

60.8.10 Rapport mill-Perit Tekniku tal-Ministeru għal Għawdex rigward is-sies perikoluż fi Triq Santa Marija u li diġa twaħħlu t-tabelli. Is-Sindku nfurmat lil membri li tablet sabiex issir laqgħa f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li għandu jiġi wkoll diskuss is-sies li qed jaqta' fi Triq ta' Ċenċ. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li anke Għar Qawqla qed jaqta' s-sies. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex tiġi kkunsidrata li dik it-triq tiġi 'one way' sabiex jitnaqqas it-traffiku minn dik it-triq peress li qed iċċedi l-parti ta' fuq u li hemm bżonn jinqata' l-qasab. Is-Sindku Dott. Marlene Cini qalet li jekk dik issir 'one way' ser tinħoloq imbagħad problema fejn il-Każin tal-Banda u qalet li hemm bżonn isir Traffic Management serju fil-lokalita' qabel tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li wasal iż-żmien li Triq is-Sellum tinfetaħ ukoll sabiex ikun hemm aċċess ieħor għal lokalita'. Wara diskussjoni l-membri qablu li jiġu kkonsultati r-residenti li joqgħodu lejn in-naħħa tal-ponta u s-sidien tar-raba' f'din it-triq sabiex jibgħatu l-veduti tagħhom b'mod unanimu. Qablu wkoll li għandha terġa tinġibed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati sabiex isir ir-*rock bolting* neċessarju.

60.8.11 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kwotazzjonijiet għas-sistema tas-sound u dawl għal attivitajiet tal-Milied u anke mużika fil-Pjazza fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Intgħażlet l-irħas offerta dik għal prezz ta' €2,500 VAT inkluż.

60.8.12 Il-membri qablu li għandhom jinxtraw diaries għal Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill.

60.8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kwotazzjonijiet għal *picnic benches* u *bankijiet* skond il-BOQ sottomessa mill-Perit tal-Kunsill għal Ġnien iż-Żebbuġ li dawn ser ikunu qed jitħallsu mill-iskema tar-Reġjun t'Għawdex li l-Kunsill kien applika għaliha. Il-membri qablu li tintagħżel l-irħas offerta.

60.8.14 Talba sabiex titranġa rampa ta' garaxx fi Triq is-Sajjied minħabba l-karozza. Il-membri qablu li ssir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

60.8.15 Ittra mir-Reġjun t'Għawdex sabiex il-Kunsill jipparteċipa biex tingħata ikla tal-Milied lil dawk l-anzjani, morda, persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew koppji anzjani li ma għandhomx min isajrilhom u din sabiex titwasslilhom fil-post fejn jgħixu fil-ġurnata tal-Milied. Il-membri ma qablux ma din peress li ħadd mill-Kunsilliera ma jista' fil-ġurnata tal-Milied.

60.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 40/2022 għax-xahar ta' Novembru 2022 li tammonta għal €62,640.66 ġiet approvata.

60.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2022 fid-9.00 ta' filgħodu.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv